



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0115(NLE)

14152/1/18
REV 1

SAN 385
PHARM 56
MI 821
SOC 697
RECH 482
EDUC 420
TELECOM 396

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar kooperazzjoni msaħħa kontra l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Diċembru 2018

dwar kooperazzjoni msaħħa kontra l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,
Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni. L-azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politiki nazzjonali, għandha tindirizza t-titjib tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tal-mard fiżiku u mentali, u l-evitar tas-sorsi ta' periklu għas-saħħa fiżika u mentali.
- (2) Skont l-Artikolu 168(6) TFUE, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta rakkomandazzjonijiet għall-għanijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu sabiex tittejjeb is-saħħa pubblika, b'mod partikolari b'rabta mal-għieda kontra flaġelli kbar tas-saħħa, u l-monitoraġġ, it-twissija bikrija għat-theddid transfruntiera serju għas-saħħa u l-għieda kontrih. Mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim huwa meqjus bħala flaġell kbir tas-saħħa.
- (3) It-tilqim huwa wieħed mill-aktar miżura b'saħħitha u kosteffiċjenti tas-saħħa pubblika żviluppata fis-seklu 20 u jibqa' l-għodda ewlenija għall-prevenzjoni primarja tal-mard li jittieħed.
- (4) Filwaqt li l-programmi ta' tilqim huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri, in-natura transfruntiera tal-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim u l-isfidi komuni li jiffaċċjaw programmi nazzjonali ta' immunizzazzjoni jibbenefikaw minn azzjoni u approċċi tal-UE aktar koordinati sabiex jipprevjenu jew jillimitaw it-tixrid ta' epidemiji u mard b'dimensjoni transfruntiera.

- (5) It-tixrid rapidu ta' miżinformazzjoni permezz tal-midja soċjali u permezz ta' attivisti vokali kontra t-tilqim ikkawża ideat żbaljati li qed ineħħu l-attenzjoni tal-pubbliku minn fuq il-benefiċċji individwali u kollettivi tat-tilqim u r-riskji li jinħolqu minn mard li jittieħed, u jitfgħuha fuq aktar nuqqas ta' fiduċja u biża' minn avvenimenti negattivi mingħajr provi. Hija meħtieġa azzjoni sabiex jissaħħa id-djalogu maċ-ċittadini, jinftiehem it-tħassib ġenwin jew id-dubbi tagħhom dwar it-tilqim u sabiex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati b'mod adegwat skont il-bżonnijiet individwali tagħhom.
- (6) Il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa għandhom rwol ewlieni biex jintlaħaq l-għan ta' rati ta' kopertura mtejba tat-tilqim. Biex jiġu appoġġati l-isforzi tagħhom, jeħtieġ li jiġu offruti opportunitajiet biex ikomplu bl-edukazzjoni u t-taħriġ dwar it-tilqim f'konformità ma' rakkomandazzjonijiet nazzjonali.
- (7) Jeħtieġ li jiġu indirizzati l-każijiet fejn ir-rati ta' kopertura tat-tilqim tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa huma kkunsidrati insuffiċjenti skont ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali sabiex jiġu protetti dawn il-ħaddiema u l-pazjenti tagħhom.
- (8) Il-varjazzjoni fl-iskedi tat-tilqim bejn l-Istati Membri fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet, it-tip ta' tilqim użat, in-numru ta' dożi mogħtija, u ż-żmien li fih jingħataw iżid ir-riskju li ċ-ċittadini, b'mod partikolari t-tfal, jitilfu tilqima waqt li jkunu qed jiċċaqalqu minn Stat Membru għal ieħor.
- (9) Il-ħtieġa li s-servizzi ta' immunizzazzjoni jitressqu iktar qrib iċ-ċittadini teħtieġ sforzi ddedikati sabiex jintlaħqu l-iktar persuni vulnerabbli tas-soċjetà, b'mod partikolari permezz ta' fornituri bbażati fil-komunità. Il-Fondi Strutturali Ewropej, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew ('FSE') u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ('FEŻR'), joffru opportunitajiet sinifikanti għall-Istati Membri sabiex isaħħu t-taħriġ relatat mat-tilqim tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-infrastruttura tas-saħħa fil-qasam tat-tilqim.
- (10) Il-bidliet demografiċi, il-mobbiltà tal-persuni, it-tibdil fil-klima u l-immunità li qiegħda tonqos qed jikkontribwixxu għal ċaqliq epidemjoloġiku fil-piż tal-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim, li jeħtieġ programmi ta' tilqim b'approċċ tul il-ħajja kollha lil hinn mis-snin tat-tfulija. Dan l-approċċ għandu l-għan li jiżgura protezzjoni adegwata tul il-ħajja u jikkontribwixxi għal għajxien f'kundizzjoni ta' saħħa tajba u tixjiħ b'saħħtu kif ukoll is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa.

- (11) L-iskarsezzi tat-tilqim għandhom konsegwenzi diretti għat-twettiq u l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' tilqim; L-Istati Membri jiffaċċjaw diversi interruzzjonijiet tal-provvista tat-tilqim, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni fl-UE jibqgħu limitati u d-diffikultajiet jippersistu fit-tqassim tat-tilqim bejn il-fruntieri, filwaqt li n-nuqqas ta' ppjanar ikkoordinat tal-previżjoni jikkontribwixxi għal inċertezza dwar id-domanda. F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha jibqgħu vulnerabbli fil-każ ta' tifqigħat ta' mard li jittieħed.
- (12) Il-ħtieġa li jsir avvanz malajr fir-riċerka u l-iżvilupp ta' tilqim għdid u li jsir titjib jew adattament ta' dak eżistenti teħtieġ sħubijiet u pjattaformi innovattivi, għarfien espert ta' livell għoli u rabtiet aktar b'saħħithom bejn dixxiplini u setturi, kif ukoll investiment f'riċerka dwar xjenza soċjali u tal-imġiba sabiex nifhmu aħjar id-determinanti speċifiċi skont il-kuntest li huma l-bażi ta' attitudnijiet ta' inċertezza dwar it-tilqim.
- (13) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tilqim bħala għodda effettiva fis-saħħa pubblika¹ diġà jidentifikaw xi wħud minn dawn l-isfidi ewlenin u x'għandu jsir fil-ġejjieni, u jappellaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw azzjonijiet konġunti biex jaqsmu l-aħjar prattiki dwar il-politiki tat-tilqim.
- (14) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immunizzazzjoni tat-tfal² speċifikament jitolbu li r-reġistri tal-immunizzazzjoni u s-sistemi tal-informazzjoni jiġu rfinati sabiex jittejjeb il-monitoraġġ tal-programmi tat-tilqim u jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi tat-tilqim.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tilqim bħala għodda effettiva fis-saħħa pubblika (2014/C 438/04)

(ĠU C 438, 6.12.2014, p. 3)

² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immunizzazzjoni tat-tfal: suċċessi u sfidi tal-Immunizzazzjoni Ewropea tat-tfal u t-triq 'il quddiem (2011/C 202/02) (ĠU C 202, 8.7.2011, p. 4)

- (15) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Suq Uniku Digitali³ u l-Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020⁴ ifakkru fl-importanza tal-aġenda tas-saħħa diġitali u l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq is-Saħħa elettronika u fuq il-Big Data. Dawn l-inizjattivi huma msaħħa mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura u tas-saħħa fis-Suq Uniku Digitali⁵, sabiex jiżguraw mudelli tal-kura tas-saħħa moderni u sostenibbli kif ukoll ċittadini u ħaddiema tal-kura tas-saħħa kompetenti.
- (16) Id-Direttiva 2000/54/KE⁶ dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol tistipula rekwiżiti minimi biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż il-ħtieġa li jiġi offrut tilqim lil dawk li ma kinux immunizzati qabel u d-Direttiva tal-Kunsill 2010/32/UE⁷ li timplimenta l-Ftehim Qafas dwar il-prevenzjoni ta' korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fis-settur tal-isptarijiet u l-kura tas-saħħa li ġie konkluż mill-HOSPEEM u l-EPSU tipprevedi li jekk il-valutazzjoni tar-riskju turi li hemm riskju għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema minħabba l-espożizzjoni tagħhom għal aġenti bijoloġiċi li għalihom jeżisti tilqim effettiv, il-ħaddiema għandhom jiġu offruti t-tilqim.

³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Suq Uniku Diġitali, Suq Uniku Diġitali Konness għal kulħadd, COM/2017/0228.

⁴ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020, COM/2012/736.

⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura u tas-saħħa fis-Suq Uniku Diġitali; l-għoti tas-setgħa li-ċittadini u l-bini ta' soċjetà aktar b'saħħitha, COM(2018)233.

⁶ Id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Settembru 2000, dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21).

⁷ Direttiva 2010/32/UE tal-10 ta' Mejju 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas dwar il-prevenzjoni ta' korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fis-settur tal-isptarijiet u l-kura tas-saħħa li ġie konkluż mill-HOSPEEM u l-EPSU, (OJ L 134, 1.6.2010, p. 66).

- (17) Id-Deċiżjoni 1082/2013/UE⁸ dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa tipprovdi l-bażi għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu volontarju għax-xiri bil-quddiem ta' kontromiżuri mediċi għal theddid transkonfinali serju għas-saħħa.
- (18) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-sistemi tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea⁹ japprovaw il-prinċipji u l-valuri ġenerali tal-universalità, l-aċċess għal kura ta' kwalità tajba, l-ekwità u s-solidarjetà, li huma ta' importanza assoluta sabiex jiżguraw aċċess ekwu għal servizzi ta' tilqim irrispettivament mill-età, l-istatus soċjali jew il-lokalità ġeografika, skont programmi ta' immunizzazzjoni nazzjonali u reġjonali.
- (19) Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004¹⁰ jagħti mandat liċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ('ECDC') biex jappoġġa l-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed u jrawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-esperjenza fir-rigward tal-programmi ta' tilqim. Barra minn hekk, l-ECDC jikkoordina l-ġbir, il-validazzjoni, l-analiżi u t-tixrid tad-data fil-livell tal-UE, inkluż dwar strateġiji ta' tilqim.
- (20) Id-Direttiva 2001/83/KE¹¹ u r-Regolament (UE) Nru 726/2004¹² dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jistabbilixxu l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, jagħtu lill-awtoritajiet regolatorji mandat sabiex jippromwovu u jipproteġu s-saħħa pubblika billi jawtorizzaw l-użu ta' tilqim sikur u effettiv, u billi jivvalutaw kontinwament il-profil tal-benefiċċji u r-riskji tagħhom wara l-ġhoti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

⁸ Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

⁹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar valuri u prinċipji komuni fis-sistemi tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea (2006/C 146/01) (ĠU C 146, 22.6.2006, p.1).

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1).

¹¹ Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

¹² Ir-Regolament 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

- (21) Il-Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda tal-Kummissjoni¹³ jappoġġa lill-Istati Membri tal-UE fil-ġlieda tagħhom kontra r-reżistenza antimikrobika (RAM) u jitlob biex tingħata spinta lill-mogħdijiet simplifikati għall-awtorizzazzjoni ta' aġenti antibatteriċi ġodda u għar-riċerka u l-iżvilupp ta' tilqim ġdid għal patoġeni assoċjati mar-reżistenza antimikrobika.
- (22) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018 dwar ir-retiċenza dwar it-tilqim u t-tnaqqis fir-rati ta' tilqim fl-Ewropa¹⁴ tappella lill-Istati Membri biex jiżguraw tilqim suffiċjenti tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, jieħdu passi effettivi kontra l-miżinformazzjoni, u jimplimentaw miżuri għat-titjib tal-aċċess għall-mediċini. Hija tistieden ukoll lill-Kummissjoni tiffaċilita skeda aktar armonizzata għat-tilqim madwar l-UE.
- (23) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aħbarijiet Foloż u d-Diżinformazzjoni Online għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġija fil-livell tal-UE dwar l-indirizzar tat-tixrid tad-diżinformazzjoni, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni¹⁵ tindirizza l-isfidi tal-pjattaformi online fir-rigward tat-tixrid ta' diżinformazzjoni.
- (24) Il-Kummissjoni appoġġat it-titjib tal-aċċess għal tilqim modern u essenzjali fl-iktar 77 pajjiż fqir permezz ta' Gavi, l-Alleanza tat-Tilqim ('Gavi') mill-bidu tagħha fis-sena 2000. Sal-2015, ingħataw EUR 83 miljun, li kkontribwixxew biex jiġu immunizzati kompletament 277 miljun tifel u tifla fil-perijodu 2011-2015, u EUR 200 miljun oħra ġew imwiegħda għall-perijodu 2016-2020, bi pjanijiet biex jiġu immunizzati 300 miljun tifel u tifla oħra bejn l-2016 u l-2020.

¹³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika (RAM) COM(2017)339.

¹⁴ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-retiċenza dwar it-tilqim u t-tnaqqis fir-rati ta' tilqim fl-Ewropa (Għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU).

¹⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: Approċċ Ewropew, COM(2018)236.

- (25) Fl-Assemblea Dinjija tas-Saħħa tal-2012, il-ministri għas-saħħa approvaw il-Pjan ta' Azzjoni Globali dwar it-Tilqim, sabiex jiżguraw li ħadd ma jitlef immunizzazzjoni vitali sal-2020. Fl-2014 il-Kumitat Reġjonali Ewropew tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ('WHO') adotta l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar it-Tilqim 2015-2020.
- (26) L-Għan tlieta tal-Aġenda 2030 għal Żvilupp Sostenibbli¹⁶ - "Jiġi żgurati haġġiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età" - jenfasizza l-importanza tat-tilqim fil-protezzjoni tal-persuni mill-mard. Barra minn hekk, permezz tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp "Id-Dinja Tagħna, Id-Dinjità Tagħna, Il-Futur Tagħna"¹⁷, l-UE u l-Istati Membri tagħha jafferaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jiproteġu d-dritt ta' kulħadd li jgawdi l-oġġetti standard ta' saħħa fiżika u mentali li jista' jintlaħaq, inkluż billi jgħinu sabiex jiġi żgurat aċċess għal mediċini u tilqim affordabbli u essenzjali għal kulħadd.
- (27) Azzjoni Konġunta dwar it-Tilqim, ikkofinanzjata mit-tielet Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa¹⁸, li tibda fl-2018, għandha tiffoka fuq il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar il-politiki nazzjonali tat-tilqim u l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi rigward sistemi elettroniċi ta' informazzjoni dwar l-immunizzazzjoni, previżjonijiet tat-tilqim, prijoritizzazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp tat-tilqim, u riċerka sabiex tiġi indirizzata r-retiċenza dwar it-tilqim.
- (28) L-azzjonijiet imressqa f'din ir-Rakkomandazzjoni għandhom l-għan li jżidu s-sigurtà tas-saħħa pubblika, inaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri, u jżidu s-sigurtà tal-provvista tat-tilqim fis-Suq Intern. Dawn jikkomplementaw u jsaħħu l-politiki u l-azzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri kollha filwaqt li jqisu l-punti ta' tluq differenti tagħhom fir-rigward tal-politiki dwar l-immunizzazzjoni, it-twaqqif istituzzjonali, id-differenzi reġjonali, u l-kapaċitajiet tal-kura tas-saħħa.

¹⁶ Ir-Riżoluzzjoni 70/1 adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015: "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għal Żvilupp Sostenibbli".

¹⁷ Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni (2017/C 210/01) Il-Kunsens Ewropew ġdid għall-Iżvilupp "Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Futur Tagħna" (ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1).

¹⁸ Regolament Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

(29) Din ir-Rakkomandazzjoni hija konsistenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

1. Jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' tilqim fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali, kif adatt, bil-għan li tizzied il-kopertura tat-tilqim sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar it-Tilqim tal-WHO sal-2020. Dawn il-pjanijiet jistgħu jinkludu, pereżempju, dispożizzjonijiet għal finanzjament sostenibbli u forniment ta' tilqim, approċċ ta' tul il-ħajja kollha għat-tilqim, kapaċità li tingħata risposta għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u attivitajiet ta' komunikazzjoni u promozzjoni.
2. Jimmiraw biex sal-2020 jiksbu, b'mod partikolari għall-ħosba, ir-rata ta' kopertura tat-tilqim ta' 95 %, b'żewġ dożi tat-tilqim għall-popolazzjoni tat-tfal fil-mira, u jaħdmu biex ineħħu d-distakki fl-immunità fil-gruppi tal-etajiet l-oħra kollha bl-għan li l-ħosba tiġi eliminata fl-UE.
3. Jintroduċu kontrolli ta' rutina tal-istatus tat-tilqim u opportunitajiet regolari sabiex jingħata tilqim fi stadji differenti tal-ħajja, permezz ta' żjarat ta' rutina fis-sistema tal-kura tas-saħħa primarja u permezz ta' miżuri addizzjonali meħuda, pereżempju, meta jibdew l-iskola (kindergarten), fil-post tax-xogħol jew f'faċilitajiet ta' kura, skont il-kapaċitajiet nazzjonali.
4. Jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi ta' tilqim nazzjonali u/jew reġjonali, permezz ta':
 - (a) simplifikazzjoni u twessiegħ ta' opportunitajiet biex joffru tilqim, jisfruttaw fornituri bbażati fil-komunità; u
 - (b) jiżguraw kuntatt immirat mal-aktar gruppi vulnerabbli fosthom gruppi esklużi soċjalment, sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi u n-nuqqasijiet fil-kopertura tat-tilqim.
5. Jinkoraġġixxu u jikkooperaw ma' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jikkunsidraw jinkludu u jsaħħu t-taħriġ dwar mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim, il-vaċċinologija, u l-immunizzazzjoni fil-kurrikuli mediċi nazzjonali u kwalunkwe programm edukattiv mediku kontinwu għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa fis-setturi kollu kull meta huwa rrakkomandat, sabiex jissaħħaħ ir-rwol ewlieni tagħhom li jimmiraw lejn rati ogħla ta' kopertura tat-tilqim.

Jużaw l-opportunitajiet offruti mill-FES u l-FERŻ sabiex jappoġġaw it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa dwar mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim, il-vaċċinoloġija, u l-immunizzazzjoni u sabiex isaħħu l-kapaċitajiet tal-infrastruttura tas-saħħa nazzjonali u reġjonali, inkluż sistemi elettroniċi ta' informazzjoni dwar l-immunizzazzjoni, fil-qasam tat-tilqim.

6. Meta meħtieġ, iżidu l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tat-tilqim billi:
 - (a) jippreżentaw evidenza xjentifika f'forma li tinftiehem minn persuni mhux esperti, billi jużaw strateġiji differenti bbażati fuq il-kuntest, biex jaħdmu kontra t-tixrid ta' miżinformazzjoni, inkluż, pereżempju, permezz ta' għodod diġitali u sħubiji mas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra;
 - (b) jinvolvu ruħhom mal-atturi rilevanti u joffru l-hom taħriġ, bħall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni, is-sħab soċjali u l-media bħala multiplikaturi, sabiex tiġi miġġielda l-kompjaċenza u tiżdied il-fiduċja fl-immunizzazzjoni.
7. Jesploraw il-possibbiltà li tiġi żviluppata l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa biex ikollhom informazzjoni elektronika dwar l-istatus tat-tilqim taċ-ċittadini, pereżempju abbażi ta' sistemi ta' informazzjoni li jipprovdu funzjonalitajiet ta' tfakkira, li jiġbru data aġġornata dwar il-kopertura tat-tilqim fil-gruppi tal-etajiet kollha u li jippermettu rabtiet u skambji tad-data fis-sistemi tal-kura tas-saħħa kollha.
8. Fejn adegwat, iżidu l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni tat-tilqim sabiex ikun hemm biżżejjed riżorsi disponibbli għall-avvanz rapidu ta' tilqim għdid jew imtejjeb, u jiffaċilitaw l-adozzjoni tar-riċerka dwar it-tilqim għal programmi u politiki ta' tilqim nazzjonali jew reġjonali infurmati aħjar.

HAWNHEKK JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI TIEĦU L-AZZJONIJIET LI ĠEJJIN, FIL-QAFAS TA' KOOPERAZZJONI MILL-QRIB MAL-ISTATI MEMBRI:

9. Timmira li tistabbilixxi sistema *Ewropea għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni dwar it-Tilqim* (EVIS), ikkoordinata mill-ECDC, sabiex:

- (a) flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa pubblika,
 - (i) teżamina l-fattibbiltà li sal-2020 jiġu stabbiliti linji gwida għal skeda ewlenija tal-UE tat-tilqim b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet tal-WHO għal immunizzazzjoni b'rutina, bil-għan li tittejjeb il-kompatibbiltà ta' skedi nazzjonali u tiġi promossa l-ekwità fil-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini tal-UE kif ukoll il-fattibbiltà li tinholq kard komuni tat-tilqim;
 - (ii) issaħħaħ il-konsistenza, it-trasparenza u l-metodoloġiji fil-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali u reġjonali dwar it-tilqim, billi taqsam l-evidenza u l-għodda xjentifiċi bl-appoġġ tal-Gruppi Konsultattivi Tekniċi Nazzjonali dwar l-Immunizzazzjoni (NITAG);
 - (iii) tfassal metodoloġiji u gwida tal-UE dwar ir-rekwiżiti tad-data għal monitoraġġ aħjar tar-rati ta' kopertura tat-tilqim fost il-gruppi ta' etajiet kollha, inkluż il-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, f'kooperazzjoni mal-WHO u jiġbor data bħal din u taqsamha fil-livell tal-UE;
- (b) tistabbilixxi, sal-2019, portal Ewropew ta' informazzjoni dwar it-tilqim, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, sabiex tipprovdi online evidenza oġġettiva, trasparenti u aġġornata dwar it-tilqim, il-benefiċċji u s-sigurtà tiegħu, u l-proċess ta' farmakoviġilanza.
- (c) tiġġieled kontra l-miżinformazzjoni online dwar it-tilqim u tiżviluppa għodod ta' informazzjoni u gwida bbażati fuq l-evidenza sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-inċertezza mit-tilqim, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni online.

10. Bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u b'kooperazzjoni mal-ECDC, tissorvelja kontinwament il-benefiċċji u r-riskji tat-tilqim, fil-livell tal-UE, inkluż permezz ta' studji dwar is-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq.
11. Taħdem biex tiżviluppa metodoloġiji u bies jissaħħu l-kapaċitajiet biex tiġi vvalutata l-effettività relattiva tat-tilqim u l-programmi ta' tilqim.
12. Issaħħaħ l-applikazzjoni effettiva tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għall-aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol, kif stipulat fid-Direttiva 2000/54/KE u fid-Direttiva tal-Kunsill 2010/32/UE, b'kont meħud tal-kompetenzi nazzjonali, b'mod partikolari billi tiġi appoġġata l-edukazzjoni kontinwa tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, jiġi ssorveljat l-istatus tal-immunizzazzjoni tagħhom u, fejn meħtieġ, jiġi offrut tilqim b'mod attiv sabiex jiġu żgurati livelli adegwati ta' sikurezza tal-pazjenti u tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa.
13. Tipprovdi evidenza u data, inkluż permezz ta' European Schoolnet, sabiex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu l-aspetti relatati mal-vaċċinoloġija u l-immunizzazzjoni fil-kurrikuli mediċi nazzjonali tagħhom u fl-edukazzjoni postgradwatorja.
14. Taħdem biex issaħħaħ il-provvista tat-tilqim u jitnaqqsu r-riskji ta' skarsezza billi:
 - (a) tikkunsidra li tiżviluppa maħżen tad-data Ewropew virtwali dwar il-bżonnijiet tat-tilqim u, jekk applikabbli, stokkijiet li jistgħu jiġu offruti, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju volontarju ta' informazzjoni dwar provvisti disponibbli, eċċessi possibbli u skarsezzi globali ta' tilqim essenzjali;
 - (b) tikkunsidra li tiżviluppa kunċett għal mekkaniżmu għall-iskambju tal-provvisti tat-tilqim minn Stat Membru għal ieħor f'każ ta' tifqigħa, filwaqt li ttejjeb ir-rabtiet bejn il-provvista u d-domanda tat-tilqim;
 - (c) tesplora l-fattibbiltà ta' ħażna fiżika u tinvolvi ruħha fi djalogu mal-kumpanniji li jipproduċu t-tilqim dwar mekkaniżmu li jiffaċilita l-ħażna u d-disponibbiltà tat-tilqim f'każ ta' tifqigħat b'kont meħud ta' nuqqasijiet globali ta' tilqim essenzjali;
 - (d) tikkunsidra, b'mod konġunt mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari mal-industrija li timmanifattura t-tilqim, li għandha rwol ewlieni biex tilħaq dawn l-għanijiet, il-possibiltajiet għat-titjib tal-kapaċità tal-manifattura tal-UE, tiżgura l-kontinwità tal-provvista u tiżgura d-diversità tal-fornituri;

- (e) tesplora l-possibiltajiet tal-akkwist konġunt ta' tilqim jew antitossini li għandhom jintużaw f'pandemiji, tifqigħat mhux mistennija u f'każijiet ta' domanda żgħira għat-tilqim (numru żgħir ta' każijiet jew popolazzjonijiet speċifiċi ħafna li għandhom jiġu koperti);
 - (f) tappoġġa n-netwerk tal-Laboratorji Uffiċjali għall-Kontroll tal-Mediċini tal-UE u l-ħidma tiegħu biex tiżgura li t-tilqim li jitqiegħed fis-suq tal-UE ikun ta' kwalità għolja.
 - (g) tissorvelja l-konformità mal-obbligu ta' provvista kontinwa ta' mediċini lil dawk li għandhom awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (l-Artikolu 81 tad-Direttiva 2001/83/KE) u tesplora modi kif ittejjeb il-konformità ma' dak l-obbligu.
 - (h) tikkunsidra li tiffaċilita, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, djalogu bikri ma' żviluppaturi, dawk li jfasslu l-politika u regolaturi nazzjonali sabiex jappoġġaw l-awtorizzazzjoni ta' tilqim innovattiv, inkluż għal theddid emerġenti għas-saħħa.
15. Iżżid l-effettività u l-effiċjenza tal-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp tal-UE u nazzjonali dwar it-tilqim permezz ta' sforzi sabiex:
- (a) issaħħaħ l-isħubiji u l-infrastrutturi tar-riċerka eżistenti u tistabbilixxi oħrajn ġodda, inkluż għal provi kliniċi;
 - (b) tfittex kunsens dwar ħtiġijiet mhux issodisfati tal-popolazzjoni u l-prijoritajiet miftiehma għat-tilqim li jistgħu jintużaw sabiex jiġu infurmati programmi ta' finanzjament għar-riċerka dwar it-tilqim f'livell nazzjonali u tal-UE, inkluż l-ingranaġġ tal-vantaġġi tal-Koalizzjoni għal innovazzjonijiet ta' Tħejjija għall-Epidemija (CEPI) u l-Kollaborazzjoni għar-Riċerka Globali għat-Tħejjija għall-Mard Infettiv ('GloPID-R');
 - (c) tikkunsidra li tinvesti fir-riċerka dwar ix-xjenza soċjali u tal-imġiba dwar id-determinanti tal-inċertezza mit-tilqim bejn sottogruppi differenti tal-popolazzjoni u ħaddiema fil-kura tas-saħħa.

B'DAN JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

16. Teżamina kwistjonijiet ta' kopertura insuffiċjenti tat-tilqim ikkawżati minn moviment transfruntiera ta' persuni fi ħdan l-UE u tfittex possibiltajiet biex tindirizzahom, inkluż billi teżamina l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' kard/passaport ta' tilqim komuni għaċ-ċittadini tal-UE (li jieħu kont tal-iskedi nazzjonali tat-tilqim potenzjalment differenti u) li jkun kompatibbli ma' sistemi ta' informazzjoni elettronika dwar l-immunizzazzjoni u rikonoxxut għal użu transfruntiera, mingħajr ma tiġi duplikata l-ħidma fil-livell nazzjonali.

17. Timmira li tipproduċi fuq bażi regolari, pereżempju fil-kuntest tal-Istat tas-Saħħa fil-proċess tal-UE, rapport dwar l-istat tal-fiduċja fit-tilqim fl-UE, biex tissorvelja l-attitudnijiet lejn it-tilqim. Abbażi ta' dak ir-rapport u b'kont meħud tal-ħidma relatata tal-WHO, tippreżenta gwida li tista' tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-inċertezza mit-tilqim.
18. Tlaqqa' Koalizzjoni għat-Tilqim sabiex tgħaqqad flimkien assoċjazzjonijiet Ewropej ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa kif ukoll assoċjazzjonijiet ta' studenti rilevanti f'dan il-qasam, sabiex jimpenjaw ruħhom li jipprovdu informazzjoni preċiża lill-pubbliku, jiġġieldu l-ideat foloz u jiskambjaw l-aħjar prattiki.
19. Issaħħaħ l-impatt tal-Ġimgħa Ewropea tal-Immunizzazzjoni annwali billi tospita inizjattiva tal-UE għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u tappoġġa l-attivitajiet tal-Istati Membri stess.
20. Tidentifika ostakli għall-aċċess u l-appoġġ ta' interventi biex jiżdied l-aċċess għat-tilqim għal gruppi żvantaġġati u esklużi soċjalment inkluż bil-promozzjoni ta' medjaturi tas-saħħa u networks tal-komunità fil-livell lokali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet nazzjonali.
21. Tiżviluppa gwida sabiex jiġu meġħluba l-ostakli legali u tekniċi li jimpedixxu l-interoperabbiltà tas-sistemi nazzjonali tal-informazzjoni dwar l-immunizzazzjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-faċilitazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa u tal-kura fis-Suq Uniku Diġitali, l-għoti ta' setgħa liċ-ċittadini u l-bini ta' soċjetà aktar b'saħħitha.
22. Tkompli tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-programmi qafas tal-EU għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp ta' tilqim ġdid, sikur u effettiv, u l-ottimizzazzjoni tat-tilqim eżistenti

23. Issaħħaħ is-sħubiji u l-kollaborazzjoni eżistenti ma' atturi u inizjattivi internazzjonali, bħall-WHO u l-Grupp Konsultattiv Strateġiku ta' Esperti dwar l-Immunizzazzjoni (SAGE) tagħha, il-Grupp Konsultattiv Tekniku Ewropew ta' Esperti dwar l-Immunizzazzjoni (ETAGE) , il-proċessi tal-Aġenda u l-Inizjattiva Globali dwar is-Sigurtà tas-Saħħa (Inizjattiva Globali dwar is-Sigurtà tas-Saħħa, Aġenda Globali dwar is-Sigurtà tas-Saħħa), il-UNICEF u inizjattivi ta' ffinanzjar u riċerka bħall-Gavi, CEPI, GloPID-R u JPIAMR (l-Inizjattiva ta' Programmazzjoni Konġunta dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi).
24. Tirrapporta fuq bażi regolari dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni abbażi ta' indikaturi maqbula mill-Istati Membri u ta' informazzjoni minn sorsi rilevanti oħra.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President